

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Settembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Köln – il-Ġermanja) – Kronos International Inc. vs Finanzamt Leverkusen

(Kawża C-47/12) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE — Moviment liberu tal-kapital — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq il-kumpanniji — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru intiża li tneħħi t-taxxa doppja fuq profitti mqassma — Metodu ta' t-paciċċa applikat għad-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti tal-istess Stat Membru bħall-kumpannija beneficijarja — Metodu ta' eżenzjoni applikat għad-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti ta' Stat Membru differenti minn dak tal-kumpannija beneficijarja jew ta' Stat terz — Differenza fit-trattament tat-telf tal-kumpannija beneficijarja tad-dividendii)

(2014/C 409/02)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinvju

Finanzgericht Köln

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Kronos International Inc.

Konvenut: Finanzamt Leverkusen

Dispożittiv

- 1) Il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tgħid li kumpannija residenti ta' Stat Membru ma tistax tpaċċi t-taxxi fuq il-kumpanniji mħallsa fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz minn kumpanniji b'kapital azzjonarju li jqassmu dividendi, minħabba l-eżenzjoni mit-taxxa ta' dawn id-dividendi fl-ewwel Stat Membru meta dawn jirriżultaw minn ishma li jirrappreżentaw tal-inqas 10 % tal-kapital tal-kumpannija li tqassam u li, f'dan il-każ, is-sehem effettiv tal-kumpannija b'kapital azzjonarju li tirċievi d-dividendi huwa oħħla minn 90 % u l-kumpannija beneficijarja tkun inħolqot skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat terz, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-Artikoli 63 TFUE u 65 TFUE.
- 2) L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni tal-metodu ta' eżenzjoni għad-dividendi mqassma minn kumpanniji residenti ta' Stati Membri oħra u ta' Stati terzi, filwaqt li l-metodu ta' t-paciċċa jiġi applikat għad-dividendi mqassma mill-kumpanniji residenti tal-istess Stat Membru bħall-kumpannija beneficijarja u li, fl-ipoteżi fejn din il-kumpannija beneficijarja tirregista telf, il-metodu ta' t-paciċċa jwassal sabiex it-taxxa mħallsa mill-kumpannija li tqassam residenti tkun totalment jew parżjalment irrimborsata.

⁽¹⁾ ĠU C 98, 31.03.2012.